MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 125/2007

**Andreana Sammut**

**Vs**

**Nazzareno Fenech**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat jirritornalha u jirrestitwilha fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti l-oggetti personali proprjeta' taghha mizmumin minghajr jedd u b' mod abbuziv minnu u konsistenti fi gwardarobba tal-*pine* b' sitt bibien, gwardarobba tal-*pine* b' zewg bibien, *sofa bed* ghall-tnejn tar-*rexeen* u mera wieqfa (*person mirror*)

tal-*pine* u fin-nuqqas li jghamel dan fiz-zmien prefiss jigi kkundannat ihallasha l-valur tal-imsemmija oggetti fi flus.

Gie dikjarat li l-valur ta' dawn l-oggetti ghall-finijiet ta' kompetenza huwa nferjuri ghall-valur ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Nazzareno Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok din il-kawza hija instigata minn kawza llecita, stante li dawn l-oggetti nxtraw b'konsegwenza ta' konkubinagg li kien hemm bejn il-kontendenti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid iggib prova li l-oggetti reklamati huma proprjeta' taghha.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici diga' thallset 'a braccio privata' bi hwejjeg personali ta' l-esponent u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u permezz ta' kawza ohra li qed tigi pprezentata kontestwalment.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li b' digriet tas-27 ta' Lulju 2007, din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut sabiex din il-kawza tinstema' flimkien u kontestwalment ma' kawza ohra bl-ismijiet inversi (Avviz Nru: 229/07)[1]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

---

[1] Ara fol. 11 tal-process.

Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2010, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni;[2]

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Din il-kawza u l-ohra fl-ismijiet inversi (Avviz Nru 229/2007) - deciza wkoll illum -jikkoncernaw kwistjonijiet simili u l-mertu taghhom hu relatat. Pero, sakemm huwa possibbli, il-Qorti se tillimita l-analizi tal-fatti ghal dak li hu relevanti ghal kull kawza individwali. Il-kontendenti taw verzjonijiet opposti tal-fatti u ghalhekk, din il-vertenza trid tigi deciza fuq liema verzjoni fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hija l-iktar wahda kredibbli, stante li l-unici xhieda huma l-kontendenti infushom.

*Il-verzjoni tal-fatti tal-attrici*

1. L-attrici tghid li hi u l-konvenut kellhom relazzjoni u ddecidew li jmorru jghixu flimkien fl-appartament tal-konvenut gewwa l-Qawra. Ghalhekk hija garret l-affarijiet taghha, inkluza l-ghamara taghha, mill-appartament taghha go Burmarrad ghall-Qawra.

2. Huma damu jghixu flimkien kwazi sena.[3]

---

[2] Ara verbal a fol. 31 tal-process.

[3] Ara l-affidavit ta’ Andreana Sammut a fol. 17 tal-process.

3. L-attrici tammetti li hi qatt ma kkontribwiet xejn ghas-servizzi tal-*utilities,* izda tghid li hi offriet li taghmel dan, imma l-konvenut ma riedx.

4. Fost l-ghamara li gabet maghha, kien hemm gwardarobba li ma kellhiex bibien, imma purtiera. Il-konvenut ried jaghmlilha l-bibien. L-attrici accettat bil-kundizzjoni li jhallas hu ghal dawn il-bibien.

5. Wara xi xhur jghixu flimkien, l-attrici bdiet tahdem mal-konvenut fil-hanut li kellu Haz-Zebbug, izda hi telqet fiz-zmien tal-probation.[4]

6. Fl-istess zmien li telqet mix-xoghol, ir-relazzjoni mal-konvenut kienet spiccat. Ghalhekk, l-attrici sabet post iehor il-Gharghur u garret l-affarijiet taghha ghal go fih. Hi tghid li mill-kcina tal-appartament tal-Qawra hadet biss l-affarijiet li kienet gabet maghha meta garret minn Burmarrad. L-attrici tghid li hadet ukoll pjanta wahda biss, mill-pjanti kollha li kien hemm, li kienet tiswa madwar ghaxar liri Maltin (LM10) u li kienet inxtrat mill-konvenut.

7. Pero l-attrici tghid li ma haditx l-ghamara li gabet maghha mill-appartament ta' Burmarrad, ghax din l-ghamara giet imsakkra go kamra mill-konvenut, u hi ma kelliex cavetta ghal din il-kamra. Hija halliet warajha l-gwardarobba li twahhlulha l-bibien mill-konvenut; gwardarobba ohra, sofa bed, u mera b'kexxun.[5]

8. L-attrici ma tatx ic-cwievet tal-appartament tal-Qawra mill-ewwel lill-konvenut, izda xi jumejn wara li telqet, ghax kien fadlilha riedet tiehu xi affarijiet zghar bhal hwejjeg.

*Il-verzjoni tal-fatti tal-konvenut*

---

[4] Ara l-affidavit ta' Nazzareno Fenech a fol. 22 tal-process fl-ismijiet Nazzareno Fenech vs Andreana Sammut, avviz numru 229/07.

[5] Ara l-affidavit ta' Andreana Sammut a fol. 19 tal-process.

1. Il-konvenut jghid li ghalkemm huwa kellu relazzjoni mal-attrici dejjem kienu jghixu f' postijiet differenti - hi kienet tghix fl-appartament tieghu tal-Qawra, li hu jghid li kien kriehulha, fil-waqt li hu baqa jghix fil-fond tieghu Haz-Zebbug. Ghalhekk, huma qatt ma ghixu flimkien.[6]

2. Il-konvenut jghid li hu kien kera dan l-appartament lill-attrici ghall-ammont ta' mitt lira Maltin (LM100) fix-xahar. Hi ghexet fl-appartament il-Qawra minn Lulju 2002 sal-bidu ta' Settembru 2003.

3. Rigward il-gwardarobba tal-attrici li ma kellhiex bibien, il-konvenut jghid li l-attrici talbitu jsellifha l-flus biex taghmlilha l-bibien, u qaltlu li mbaghad tatieh il-flus wara.

3. Waqt li kienet tghix il-Qawra, l-attrici qatt ma hallset xejn ghal *utilities.* Hi kienet tghidlu biex ihallashom hu mbaghad thallas sehemha, pero sehemha qatt ma hallsitu.

4. Wara xi xhur jghixu flimkien, l-attrici bdiet tahdem mal-konvenut fil-hanut li kellu Haz-Zebbug, izda tkecciet fiz-zmien tal-probation, ghax il-konvenut jghid li ma kinietx tajba ghal dak ix-xoghol.[7] Il-konvenut jghid li hija qatt ma hallset il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali u kien hallashomlha hu.

5. Il-konvenut jichad li huwa sakkar xi kamra li kien fiha l-ghamara tal-attrici. Fil-fatt hu jghid li apparti l-gwardarobba li sarulha l-bibien, huwa ma rax l-ghamara l-ohra li qed issemmi l-attrici.

6. Il-konvenut jghid li l-attrici tatu c-cavetta lura kwazi tlett (3) xhur wara li telqet mill-flat tal-Qawra.

---

[6] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' Nazzareno Fenech a fol. 33 tal-process.

[7] Ara l-affidavit ta' Nazzareno Fenech a fol. 22 tal-process fl-ismijiet Nazzareno Fenech vs Andreana Sammut, avviz numru 229/07.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Kif diga intqal, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens li l-kawza hija instigata minn kawza illecita stante li l-oggetti nxtraw minhabba l-konkubinagg tal-partijiet. Ghalhekk ghal fini ta' din il-kawza, il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni jekk kienx hemm konkubinagg jew le - kwistjoni li hija dibattuta bejn il-partijiet.

Il-Qorti se tghaddi sabiex tezamina l-mertu tal-kawza u cioe' jekk veramentx il-konvenut zamm '…minghajr jedd u b'mod abbuziv… … …gwardarobba tal-*pine* b'sitt bibien, gwardarobba tal-*pine* b'zewg biben, *sofa bed* ghall-tnejn tar-*rexeen* u mera wieqfa (*person mirror)* tal-*pine*… '[8]

Sfortunatament, fl-affidavit taghha, l-attrici dahhlet f'hafna dettalji dwar ir-relazzjoni taghha mal-konvenut – dettalji li huma fil-maggior parti irrelevanti ghal fini tad-determinazzjoni tal-kawza odjerna – u qalet ftit li xejn dwar l-ghamara li qed titlob ir-ritorn taghha. M'hemmx dubbju li l-attrici gabet ammont ta' ghamara maghha fl-appartament tal-Qawra, tant li l-konvenut jammetti fl-affidavit tieghu li kellu jaqla' l-bibien tal-gallarija sabiex l-attrici tkun tista' ddahhal l-affarijiet taghha.

Pero, l-attrici ma gabet l-ebda prova indipendenti ta' liema hija din l-ghamara u lanqas prova tal-valur taghha, preferibbilment ta' kull bicca ghamara individwali. Certament, id-dikjarazzjoni li l-valur tal-oggetti ma jeccedix l-ammont ta' elfejn lira Maltin (LM2000), li saret ghall-fini li tigi determinata l-kompetenza ta' din il-Qorti, mhix sufficjenti sabiex jigi determinat il-valur.

Inoltre, l-attrici ma tati l-ebda spjegazzjoni ghaliex u f'liema cirkostanzi, il-konvenut allegatament sakkar il-kamra li fiha kellha l-ghamara taghha. Il-konvenut jichad li huwa sakkar xi kamra.

L-attrici xehdet li zammet ghandha c-cavetta tal-flat tal-Qawra ghal jumejn wara li telqet ghax kien ghad fadlilha iggorr xi affarijiet zghar bhal hwejjeg. Pero, nonostante li allegatament kien ghad

[8] Ara l-avviz attrici a fol. 1 tal-process.

fadlilha l-ghamara f'dan il-flat, allegatament imsakkra arbitrarjament mill-konvenut, l-attrici xorta rritornat ic-cavetta tal-flat lil-konvenut. Kien ikun iktar verosimili illi, kieku verament kien ghad fadlilha ghamara proprjeta taghha fl-appartament, li allura certament tiswa hafna iktar minn hwejjeg, l-attrici kienet bl-istess mod, jekk m'hux sahansitra b'aktar sahha, tibqa' zzomm ic-cavetta ghandha sakemm tiehu l-ghamara, u m'hux tirritorna c-cavetta lura kif fil-fatt ghamlet.

Dan nonostante, il-konvenut ma jichadx li ghad ghandu fil-pussess tieghu l-gwardarobba tal-attrici, li huwa kien ghamlilha bi flusu sitt (6) bibien, u ghalhekk din il-gwardarobba ghandha tigi rritornata lill-attrici.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici fis-sens li tordna lill-konvenut jirritorna u jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien xahar mil-lum il-gwardarobba tal-pine b'sitt bibien, u fin-nuqqas il-konvenut huwa kkundannat ihallas lill-attrici is-somma li qed tigi ffissata minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* ta' sitt mitt Euro (€600.00) – ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn seba' u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm257.58). Ir-rimanenti parti tat-talba attrici hija michuda.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu maqsuma bin-nofs bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------